**Eżami għall-*Warrant* ta' Avukat**

**(Parti bil-miktub)**

**Il-Ġimgħa 27 ta' Lulju 2018**

**9.00 *a.m.* sa 12.00 *m.d.***

**(It-tweġibiet għandhom ikunu kollha bil-Malti. Sakemm ma jkunx indikat xort'oħra fil-każ ta' persuna bi bżonnijiet speċjali, il-ħin mogħti biex twieġeb kemm għal parti A kif ukoll għal parti B huwa ta' tliet sigħat)**

## Parti A

Wieġeb għal tlieta biss minn dawn li ġejjin:

1. Il-klijent tiegħek ġie mixli taħt l-art. 82A(1) tal-Kodiċi Kriminali talli uża kliem abbużiv jew insolenti bil-ħsieb li b'hekk iqajjem mibegħda jew vjolenza razzjali jew reliġjuża kontra grupp ta' persuni fuq bażi ta' razza, kulur, lingwa, oriġini etnika, reliġjon jew twemmin. Il-klijent tiegħek igħid illi l-proċeduri kontra tiegħu jiksru l-jedd tiegħu għal-libertà ta' espressjoni. Ħejji l-atti meħtieġa biex il-klijent tiegħek jikseb rimedju.

2. Il-klijent tiegħek kien ġie kundannat b'sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' Jannar 2012 sabiex iħallas dejn ta' ħamsin elf euro (€50,000). Illum ġie notifikat b'mandat ta' sekwestru esekuttiv għall-ħlas tal-kreditu kanonizzat b'dik is-sentenza. Il-klijent tiegħek iżda jgħid illi qatt ma kien notifikat bl-atti tal-kawża li fiha ngħatat is-sentenza u għalhekk ma setax jikkontestaha; kien biss meta ġie notifikat bil-mandat li sar jaf bil-kawża. Ħejji l-atti kollha meħtieġa biex il-klijent tiegħek jikseb rimedju.

3. Ħejji l-att mehtieġ biex issir tweġiba ta' appell u appell inċidentali minn sentenza li ċaħdet eċċezzjoni ta' preskrizzjoni mressqa mill-konvenut u laqgħet it-talbiet tal-attur għal dikjarazzjoni ta' responsabilità u likwidazzjoni u ħlas ta' danni. Il-konvenut appella miċ-ċaħda tal-eċċezzjoni, u l-attur – il-klijent tiegħek – jixtieq jappella inċidentalment għax jidhirlu illi d-danni kellhom jiġu likwidati f'somma akbar.

4. Ħejji appell minn ordni ta' esekuzzjoni ta' sentenza mogħtija kontra l-klijent tiegħek minn qorti fl-Italja.

5. Ħejji (i) ittra ġudizzjarja biex kreditur jikseb titolu esekuttiv għall-ħlas ta' dejn u (ii) att ta' oppożizzjoni magħmula mid-debitur għal talba bħal dik.

6. Ħejji appell minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali li sabet lill-klijent tiegħek ħati ta' approprjazzjoni indebita u ikkundannatu għall-piena ta' priġunerija għal tmintax-il xahar; il-klijent jixtieq illi jappella kemm mis-sejbien ta' ħtija kif ukoll mill-piena.

## Parti B

Wieġeb għal waħda biss minn dawn li ġejjin:

1. X'għandu jagħmel avukat malli: (i) jissuspetta li l-klijent li qed jippatroċina qed juża s-servizzi tiegħu għal attività li tista' tkun kriminali; (ii) isir jaf li jista' jkollu konflitt ta' interess f'kawża jew f'inkarigu partikolari?

2. L-art. 30 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jgħid illi "L-avukati u l-prokuraturi legali, meta jidhru quddiem il-qrati superjuri jew inferjuri, jitqiesu bħala uffiċjali tal-qorti". Xi jġib miegħu għall-etika professjonali u għad-dmirijiet u d-drittijiet ta' avukat li huwa jkun "uffiċjal tal-qorti"?

3. Ditta ta' avukati tixtieq ixxandar avviż fil-*media* dwar il-prattika professjonali tagħha. Fisser ir-regoli li jolqtu x-xandir ta' avviżi bħal dawn skond il-Kodiċi ta' Etika tal-Avukati kif ukoll ir-rwol tal-Kamra tal-Avukati f'dan il-qasam.